SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 37-15

Illum l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea, u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

## ASSENTI

Hadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-laqgħa numru 36-15 li saret nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2015 kif ukoll il-minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' li saret it-Tnejn, 9 ta' Frar 2015 ġew moqrija u approvati.

**1.1 *Mill-Minuti***

***1.1 Sejħa Pubblika għal Kiri ta' Tea Room – TR(57-14-04)***

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għal minuta numru 10 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet kienx hemm xi żvilupp fir-rigward ta' n-negozjati li kellhom isiru biex il-kuntrattur jgħolli l-offerta tiegħu.

Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur ma ridtx li jiċċaqlaq mill-offerta ta' €15.00 kuljum. Huwa qal ukoll li l-kuntrattur kien qed jipproponi li fil-ġnien tinbena kamra biex ikun jista' jkabbar il-kċina. Il-Kunsill qabel li l-offerta kienet waħda baxxa u mhux aċċettabli. Il-Kunsill ma laqgħax ukoll il-proposta li jsir aktar żvulupp. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li dan il-Kunsill kien qabel li l-pavilion jinkera bħala *Tea Room*. Is-Sindku qal li meta tqis l-offerta li ntefgħet għal kiri tat-*Tea Room*, tara li permezz tal-*Bye-Laws* il-Kunsill jista' jdaħħal aktar flus u juża din it-*Tea Room* aħjar. Huwa qal li hemm prospetti tajbin ħafna li dan il-ġnien jinkera għal diversi attivitajiet soċjali u privati. Huwa ppropona wkoll, li l-Kunsill juża din it-*Tea Room* għal affartijiet aktar komunitarji. Is-Sindku qal issa sta għal Kunsill ġdid jiddeċiedi jerġax joħroġ sejħa għal kiri tat-*Tea Room*.

***1.2 Sejħa Pubblika għal Servizz ta' Contract Manager – CM(57-14-03)***

Is-Sindku irrefera għal minuta 9 tal-laqgħa preċedenti u qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Perit Karl Cutajar fejn ġew iċċarati l-aspettativi u l-i*standards* li l-Kunsill qed jistenna fuq dan il-kuntratt. Huwa qal li jħoss li għandu jirrakomanda l-Kunsill biex tinħareġ il-*Letter of Acceptance* lil Perit Karl Cutajar fuq din l-offerta. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

***1.3 Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout***

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 3.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tal-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout*. Is-Sindku qal li bħalissa Transport Malta qeda' ffukata fuq il-proġett tal-Marsa. Huwa qal li l-Kunsill għandu jibqa jsegwi din il-problema sakemm tinstab is-soluzzjoni dejjiema għal din is-sitwazzjoni.

**2. KORRISPONDENZA**

**2.1 *Listi***

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-16 ta' Jannar u t-18 ta' Frar 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil kunsilliera kollha.

**2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill***

**2.2.1** ***Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- 0133-15-O – L-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari Għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport - Stima ta' xogħol ta' *resurfacing* tal-*Jogging Track*

- 0144-15-O – Transport Malta – Bżonn ta' *major patching* fi Triq Klematis

**2.2.2** ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 0073-15-I – Santa Lucija Football Nursery – Koperazzjoni bejn il-Kunsill u l-Football Nursery ta' Santa Luċija

- 119-15-I – Dipartiment għal Gvern Lokali – Avviż Santa Luċija

- 0137-15-I – Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja – Kors ta' l-Ingliż Bażiku

- 0102-15-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 4-2015 – Kumitat tal-Finanazi

- 0120-15-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Premju Segretarju Eżekuttiv 2015

- 013-15-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Tqassim ta' bolol tad-Dazju tas-Sisa fuq l-imbejjed minn uffiċjali tad-Dwana

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- SLLC Memo 02-2015 - Xiri ta' *outdoor cabinet* għal *cable connections* fi
  Ġnien is- Serenita' u
  Żjara mid-delegazzjoni Ċiniża
- Mill-Parlament – Perjodiku maħruġ mill-Uffiċċju tal-Ispeaker

- Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Malta - Fuljett - Il-Parlament Ewropew Qrib tiegħek
- Regjun Nofsinhar – *Draft Service Agreement* ma' l-Kumpanija Klikk

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0073-15-I is-Sindku qara lista ta’ proposti li qed tagħmel il-*Football Nursery*. Huwa qal li fost dawn hemm għajnuna fl-ispiża għat-trasport, xiri tal-kit ta’ tfal li ġejjin minn familji bi problemi soċjali, użu ta’ Ġnien is-Serenita’ għal attivitajiet tal-Football Nursery, ħargiet kulturali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, immanigjar tal-*Five-A-Side Football Pitch* u proposta għal bini ta’ *Club House*. Il-Kunsill iddiskuta dawn it-talbiet u s-Sindku qal li diga ġiet organizzata attivita mill-*Football Nursery* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill li ingħaqdu f’ħidma waħda biex din l-attivita kienet suċċess. Huwa qal li kien diġa sab *sponser* li ser iħallas il-kit ta’ żewġt itfal li ġejjin minn familji li ma jistgħux iħallsu. Fir-rigward tal-immanigjar tal-*Football Pitch* il-Kunsill qabel li dan il-*pitch* irid jibqa jintuza mit-tfal kollha mingħajr ħlas għaldaqstant ma jistgħax jiġi amministrat mill-*Football Nursery*. Dwar il-proposta tal-*Club House* għandha ssir laqgħa ma’ l-perit tal-Kunsill biex jidħol aktar fid-dettal dwar din il-proposta.

**3.2** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0137-15-I il-Kunsill ġie nfurmat lid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, kien informa l-Kunsill li peress li spiċċaw jattendu żewġ studenti biss, il-kors ser ikompli f’klassi oħra.

**3.3** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0102-15-I saret referenza għall-Memo 4-2015 fejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qed jitlob li Kunsilli li ma jirnxxielhomx jilħqu t-*target* li jżommu l-*Financial Situation Indicator* (FSI) ta’ mill-inqas 10% ta’ l-allokazzjoni finanzjarja għandhom jaħtru Kumitat tal-Finanzi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li kienet tkellmet ma’ l-*accountant* tal-Kunsill dwar din id-direttiva u qalet li skond l-*accountant,* il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija kif titlob il-liġi.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0121-15-I il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Caroline Silvio għal Premju Segretarju Eżekuttiv 2015.

**3.5** B’referena għall-korrispondenza bin-numru 0123-15-I is-Sindku nforma l-Kunsill li ser isir it-tqassim ta’ bolol tad-Dazju tas-Sisa fuq l-imbejjed minn madwar 21 lokalitajiet Maltin u Santa Luċija hija waħda minnhom. Huwa qal li dan it-tqassim ser isir minn uffiċċjali tad-dwana mill-uffiċini tal-Kunsill.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Offerta WM(57-14-03) – Servizz ta’ Works Manager*

B’referenza għall-korrispondenza bin-numru119-15-I is-Sindku qal li d-Dipartiment kien bagħat it-tweġiba tiegħu dwar l-avviż ta’ sejħa għall-offerti li kellu jidher fl-
*Malta Independant* u deher biss fil-gazzetta tal-Gvern. Is-Sindku qal li d-Dipartiment kien bagħt gwida permess ta’ artiklu 40 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali li jgħid:

40. (1) Meta Kunsill joħrog għall-offerti jew għall-kwotazzjonijiet xi xogħlijiet, oġġetti jew servizzi li jkollhom x'jaqsmu mal funzjonijiet tiegħu, jew għat-trasferiment ta' xi art, dan għandu jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu billi jippubblika avviż fil-Gazzetta.
B'żieda ma' din il-ħtieġa, Kunsill jista' ukoll jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu billi jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'gazzetta waħda ta' kull jum. Ir-regolamenti dwar il-pubblikazzjoni tal-offerti u kwotazzjonijiet għandhom isiru mid-Direttur u jiġu kkomunikati lill-Kunsilli Lokali.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jipproċedi bl-għoti tal-Kuntratt WM(57-14-03) lil Perit Karl Cutajar.

## 4.2 Skema ta l-Awtorita' tad-Djar dwar il-Manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Awtorita tad-Djar kienet ser tkompli bil-programm ta' Skema 2 dwar il-manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern. Huwa qal li l-Awtorita ser talloka is-somma ta' €35,000.00 biex isir il-manutenzjoni fuq seba' binjiet. Il-Kunsill qabel li jkompli bis-sistema li jidentifika is-seba' blokks li jmiss minn dawk li ilhom l-aktar li nbnew. Il-lista ta' blokks li qabel fuqha l-kunsill huwa kif ġej:

| Blokk | Triq | Appartamenti |
|---|---|---|
| Blokk 10 Bieb 7 | Triq Gardenja | 1-8 |
| Blokk 10 Bieb 8 | Triq Gardenja | 1-8 |
| Blokk G | Triq Lellux | 1-8 |
| Blokk G | Triq Lellux | 9-16 |
| Blokk H | Triq Lellux | 1-8 |
| Blokk H | Triq Lellux | 9-16 |
| Blokk I | Triq L-Għansar | 1-6 |

## *4.3 Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita'*

### *4.3.1 Użu tal-Ġnien għall-attivitajiet żgħar*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill qed jirċievi talbiet għal kiri tal-ġnien għall-attivitajiet żgħar li mhumiex riflessi f'Taqsima 3 tal-*Bye-Laws* tal-2010 Dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li fil-*Bye-Laws* prinċipali, klawsola numru 7.7 u 7.8.1 tagħti dritt lil Kunsill li jawtorizza dawn it-tip ta' attivitajiet għal ħlas li ma jeċċedix il-€232.94.

### *4.3.2 Servizz ta' Kuratur tal-Ġnien*

Is-Sindku rrefera għal *Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita' u qal li klawsola 6.1 titkellem dwar id-dritt tal-Kunsill li jikri servizz ta' kuratur tal-ġnien. Is-Sindku qal li kemm ilu li ġie rinovat dan il-ġnien, il-bżonn ta' servizz ta' kuratur qed jinħass ħafna specjalment meta l-ġnien jinkera għall-attivitajiet filgħaxija u fi tmiem il-ġimgħa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ser ikun qed jitħejja dokument dwar il-funzjonijiet marbuta ma' dan is-servizz.

### 4.4 *Proposta ta' Dog Park*:

Is-Sindku qal li kien hemm residenti li talbuh li jsir *Dog Park*. Huwa ppropona li dan isir fil-*Jogging Track* u identifika l-parti minn din l-*area* li qiegħda ftit imwarba, fejn dan jistgha jsir. Is-Sindku qal li din tista ssir mingħajr spejjes billi jintuża materjal li fadal mill-proġett tal-ġnien biex din l-*area* tigi mdawwra b'ċint. Il-Kunsillier Victor Camilleri qal li l-iskop huwa tajjeb ħafna. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-*area* indikata ma tantx hi kbira. Is-Sindku qal li kbira biżżejjed. Huwa ħeġġeġ il-kunsilliera biex jarawha ħalli jkunu jistgħu jitkellmu aħjar dwar din il-proposta.

### *4.5 Bżonn ta' major patching*

Is-Sindku qal li kien kiteb lil Transport Malta fejn ippropona li waqt li qed isir ix-xogħol fuq Triq Klematis, tikkunsidra li jsir xogħol ta' *major patching* fl-area li tinsab fl-istess triq kantuniera ma' Triq l-Istefanotis. Huwa qal li f'din il-parti tat-triq sar xogħol b'konnessjoni mal-problema tad-dranaġġ għaldaqstant hemm bżonn ta' manutenzjoni.

### 4.6 *Resurfacing tal-Jogging Track*

Is-Sindku qal li kien kiteb lil Onor. Chris Agius biex jikkunsidra l-proġett ta' *resurfacing* tal-*Jogging Track*. Huwa qal li kien bagħtlu żewġ proposti,waħda biex dan it-*track* isir b'materjal – *acrylic* fejn l-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €78,000.00 filwaqt li l-kwotazzjoni l-oħra hija li dan it-*track* jingħata wiċċ bil-*hot asphalt* liema spiża tammonta għas-somma ta' €34,550.00. Is-Sindku qal li fit-tieni proposta, wara li jsir il-wiċċ, irid jingħata kulur biż-żebgħa li tintuża fit-*tennis courts*.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5431 sa numru BOV 5461 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-13 ta' Jannar 2015 u s-6 ta' Frar 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 36-15(16-01-2015).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Diċembru 2014 Ammont *Gross* €5383.14

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Servizz – Jannar 2015 | 2067,48 |
| Nexos Street Lighting Ltd. | SL(57-09-04) | Inv.2010766 | 900.00 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. – Gunju 2014 | 356.85 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. – Lulju 2014 | 347,10 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. – Awissu 2014 | 237.90 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. – Settembru 2014 | 393.90 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. – Ottubru 2014 | 448.50 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. - Novembru 2014 | 308.10 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. – Diċembru 2014 | 253.50 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv. – Jannar 2015 | 1024.25 |
| Saviour Mifsud | PCA(57-11-06) | Serv. – Jannar 2015 | 652.41 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs - Koptasin | Job No.13726 | 56.32 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. – Jan.15 | 2061.50 |

### *5.4 Kiri ta' Servizz ta' Emergenza*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €128.40 għal servizz ta' emergenza li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6. RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA LI TGĦALAQ FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31 ta' Dicembru 2014**.** Dan ir-rapport ġie mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Josianne Debono f'isem D Consulta. Is-Sinjura Debono li kienet ukoll preżenti għal din il-laqgħa tagħt spjegazzjoni tar-rapport f'dak li hu dħul u ħruġ finazjarju għal perjodu hawn fuq imsemmi u nfurmat lil-Kunsill li kien għalaq is-sena b'*surplus* ta' €20,000.00

Il-Kunsill iddiskuta dan is-*surplus* u qabel li jimxi mar-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment għall-gvern Lokali li tħeġġeġ il-Kunsilli Lokali biex meta jispiċċaw is-sena b'*surplus* iħallsu ammont mil-*loans* li jistgħa jkollhom. Il-Kunsill qabel li meta is-*surplus* jiġi kkonfermat mill-Awdituri tal-Kunsill, titħallas is-somma ta' €5000.00 bħala parti mill-*loan* li għandu relatat max-xiri tal-*permises* tal-Kunsill.

## 7. BUDGET 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill l-estimi tal-*budget* għas-sena 2015. Hija tagħt spjegazzjoni ta' l-estimi f'dak li hu dħul u nfieq għal din is-sena. Ġie spjegat li l-allokazzjoni finanzjarja kif ukoll n-nefqa fuq pagi u kuntratti huma dawk attwali. Hija qalet li fl-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sena kien hemm żieda ta' madwar €10,000 fuq dik tas-sena preċedenti. Bħala *capital commitments* il-Kunsill approva l-ispiża ta' €3,000.00 għal xiri ta' *computers* u *software* ġdid. Il-Kunsill approva wkoll l-ispiża kapitali ta' €47,661.67 li trid titħallas din is-sena fuq *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP. Il-Kunsill qabel li l-bilanċ li jifdal li huwa stmat li jammonta għal madwar €18,000, jintuża fuq proġetti li jistgħu jsiru taħt skemi li joħroġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku ppropona li jinġiebu stimi tal-proġett ta' bini ta' *Club House* ħdejn il-5-*a-side football pitch*.

## 8. BUSINESS PLAN

Il-Kunsill qabel li jikkonferma l-Business Plan 2014-2016 biex Business Plan ġdida issir minn Kunsill ġdid fl-ewwel sena tal-legistaltura kif jitlob l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

## 9. LAQGHA TAL-LOKALITA'

Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-laqgħa tal-lokalita'. Ġew innutati diversi suġġerimenti li jinsabu fil-minuti ta' din il-laqgħa u il-Kunsill ser ikun qed jinkludi fil-

pjanijiet tiegħu. B'referenza għal kumment dwar il-*Bus Terminus* is-Sindku qal li l-*Bus Teminus* dejjem fi Triq Ġuljetta Lopez kien.

## 10. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn,16 ta' Marzu 2015 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum** __...................,...... ta' ....................… 2015__

**Frederick Cutajar**
**Sindku**